MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-9 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1181/2002

**Georgina mart Anouar Haddar f'isimha u bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Karl, annessa ghall-beneficcju tal-patrocinju gratuwitu kif jidher mill-inkartament Dok A u dan b'digriet ta' l-24 t'Ottubru 2002.**

**Vs**

**Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Louisa Tufigno nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil Anouar Haddar, nieqes minn Malta.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ilhom mizzewgin erba' snin u minn dan iz-zwieg kellhom tifel, Karl, li ghandu tlett snin;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba abbandun minn naha ta' zewgha, oltre inkompatibilita` ta' karattru u llum iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment; u

Illi l-attrici tinsab awtorizzata tipprocedi ghal separazzjoni personali permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tat-30 t'April 2002; u

Illi l-istess attrici kienet ammessa ghal beneficcju tal-patrocinju gratuwitu biex tipprocedi bl-istanza odjerna (Dok. “A”).

Illi ghalhekk titlob l-istess attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1) Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Haddar u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut Anouar Haddar;

2) Tafda l-kura u l-kustodja ta' binha minuri Karl, ta' tlett snin f'idejn l-attrici;

3. Tiffissa retta alimentari xierqa ghall-attrici u ghal binha minuri;

4. Tittermina l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwidaha u tordna l-hlas ta' l-ammont dovut lill-attrici wara li jkunu komunikati kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili;

5. Tawtorizza lill-attrici, flimkien ma' binha l-minuri, ad eskluzjoni tal-konvenut, li tibqa` tghix fid-dar matrimonjali.

Bl-ispejjes kontra l-konventut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u dokumenti a fol. 5 sa 27 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-**attrici** Georgina Haddar fejn titlob li tkun nominata kuratrici *ad litem* ta' binha minuri, Karl, fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti; rat id-digriet tal-25 t'Ottubru 2002 fejn il-Qort tilqa` t-talba;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-deputati kuraturi Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Louisa Tufigno tat-18 ta' Dicembru 2002 fejn gie eccepit:-
Illi huma m'humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw illi jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jigu edotti mill-fatti dwar din il-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-**attrici** tas-27 ta' Jannar 2003 li biha pprezentat l-affidavits taghha stess, ta' Helen Schembri u dak ta' Marco Schembri.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Marzu 2003 fejn Dr. Renzo Porsella Flores, ghall-attrici, iddikjara li manteniment ma jistax jigi ffissat minhabba li l-introjtu tal-konvenut mhux maghruf u li bhala assi tal-komunjoni hemm ftit li xejn u li d-dar matrimonjali hija mikrija minghand il-privat, u talab li l-attrici terga tiehu lura kunjom xbubita, cjoe` 'Schembri' u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 t'April 2003.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (A) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-**attrici** Georgina Habbar fl-affidavit taghha stess issostni:
*"Illi zewgi Anouar Haddar ilu li abbanduna lili u lill-iben iz-zghir taghna, Karl, minn Lulju 1991. Huwa cempilli mit-Tunezija u qalli li ma kienx gej aktar. Qabel telaq minn Malta huwa ghamel djun ma' Paul and Rocco (Gzira) u*

*mal-Korporazzjoni Enemalta dwar negozju li kellu u li jien ma kellix x'naqsam mieghu, kif jidher mid-dokumenti mehmuza mac-citazzjoni, u llum il-Korporazzjoni qed tfittex lili, tant li anke heddett li taqta` l-provvista ta' l-elettriku tal-fond fejn noqghod;*

*Illi bhalissa, l-kura u l-kustodja tal-minuri Karl hija f'idejja u billi zewgi abbandunani qed nitlob li jibqghu fdati f'idejja;*

*Illi jiena bhalissa ma nahdimx u nircievi ghajnuna socjali ta' Lm133.20 fix-xahar (Dok. "GH").*

*Illi wara z-zwieg jiena u zewgi morna t-Tunezija u kull ma xtrajna jinsab hemmhekk. Wara li gejna Malta, qabel it-twelid tat-tifel, Karl, kull ma nxtraw kienu sett tat-televizjoni li jiswa mitejn lira Maltija, video recorder mill-idejn li jiswa hamsin lira Maltija, washing machine li tiswa mija u hamsin lira Maltija u affarijiet li jintuzaw fil-kcina li jiswew cirka sittin lira Maltija. Fiz-zwieg jiena kont hadt mieghi magna tal-hjata, bjankerija u hwejjeg.*

*Illi bhalissa jiena qed nikri dar ammobilita u nhallas sebghin lira Maltija fix-xahar bhala kera."*

Oht l-attrici **Helen Schembri**, fl-affidavit taghha tghid:-

*"Illi jiena oht Georgina Haddar. Lil zewgha nafu bhala ragel agressiv u dejjem trid tghaddi tieghu u ghalhekk kien ikollhom xi jghidu, gieli f'dari stess;*

*Illi zewg Georgina kien mehdi bix-xoghol u qatt ma ried jiddedika hin ghall-familja. Meta jien zerzaqtlu xi kelma kien iwiegeb li dawk affarijiet tieghu. Minn dari stess, billi ma kellhomx telephone, ohti kienet iccempillu biex almenu, jmur jara t-tifel, izda ta' xejn.*

*Illi zewg Georgina kien ihobb ix-xorb ukoll u meta jitilghulu ma kontx tista` tirraguna mieghu. Naf li kien isiefer ukoll ta' spiss u darba ohti giet imbikkija d-dar, tghidli li zewgha cemplilha u qalilha li ma kienx gej aktar. Minn dak iz-zmien 'l hawn ma nafx x'sar minnu."*

Illi hu l-attrici, **Marco Schembri** fl-affidavit tieghu jghid:-

*"Illi jien nigi hu Georgina Haddar. Naf lil zewgha l-aktar meta gew joqghodu Malta. Kien ragel vendikattiv u jrid li jsir dak li jghid hu.*

*Illi zewg Georgina qatt ma kien ikun id-dar, suppost kien ikun jahdem izda flus ma kienx jghaddi lil ohti. Rari kien izur lil ohti u lil binhom. Kien isiefer ta spiss. Naf li bhalissa msiefer ukoll. Kien cempel lil ohti u qalilha li ma kienx gej lura."*

**(B) APPREZZAMENT TAL-PROVI**

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghas-separazzjoni bejn il-partijiet inkluzi l-hlas ta' manteniment u l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fost talbiet relatati. Illi dwar ir-responsabbilita` ghas-separazzjoni mitluba jirrizulta li z-zwieg tkisser irremedjabbilment anke peress li l-konvenut abbanduna d-dar konjugali u siefer barra minn Malta, peress li huwa ta' nazzjonalita` Tunezina, tant li lanqas l-attrici ma taf fejn illum jinsab.

Illi apparti dan jirrizulta li l-konvenut kien vjolenti lejn martu anke minhabba li kellu l-vizzju tax-xorb, tant li l-hajja tal-istess attrici giet reza bhala wahda mizerabbli. Jirrizulta wkoll mill-provi li kien hemm inkompatibbilita` kbira ta' karratru bejn iz-zewg partijiet u ghalhekk it-talba attrici f'dan is-sens ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Illi dwar it-talba ta' l-attrici ghall-manteniment, kemm ghaliha u kemm ghall-minuri, filwaqt li l-Qorti tirriafferma li l-attrici ghandha tali dritt, pero` ma tistax tasal ghall-kundanna hlas u/jew fissazzjoni ta' alimenti peress li ma jirrizultax li ngabu provi dwar l-introjtu tal-konvenut u lanqas li huwa mpjegat bi qliegh.

Illi konsegwentement ghall-pronunzjament tas-separazzjoni ghandha tigi dikjarata xolta l-kommunjoni tal-akkwisti u mill-provi prodotti ma jidhirx li hemm bzonn li l-istess kommunjoni tigi likwidata u peress li mill-provi

jirrizulta li l-kontendenti ghamlu zmien meta zzewgu fin-1998 fit-Tunezija u kienu xtraw l-affarijiet bzonjuzi sabiex jghixu hemm hekk, u peress li allura l-oggetti formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jidher li baqghu fl-istess pajjiz ghand il-konvenut, mela allura sabiex tinqata’ din il-pendenza tassenja lill-konvenut l-oggetti mmobbli li baqghu fit-Tunezija u jinsabu fil-pussess tieghu, u dan dan apparti d-dejn kollu li jirrizulta mill-atti relattiv ghall-kontijiet tad-dawl u l-ilma ghan-negozju li kien igestixxi l-konvenut f’Mirage Guest House fl-Imsida, li in verita` l-attrici ma kellha x’taqsam maghha xejn u wkoll kull dejn li rrizulta li ezisti mas-socjeta` Paul & Rocco Gzira Ltd in konnessjoni mal-karozza Peugot 206 Reg No BBL-912. Illi mill-bqija tassejna lill-istess attrici l-mobbli minnha ndikati fl-affidavit taghha li nxtraw minnha meta l-kontendenti bdew jghixu Malta, u dan principalment mill-fondi li kienet tipprovdi l-attrici inkluz mill-pagamenti lilha ta’ l-Ghajnuna Socjali, liema oggetti jikkonsistu f’sett tat-televizjoni, video recorder, washing machine u l-mobbli kollha li jinsabu fid-dar konjugali ‘50A, Triq l-Imtarfa, Imtarfa,’ li huma proprjeta` ta’ l-attrici (eskluzi dawk mikrija mal-fond fejn qed tabita). Fl-ahharnett tassenja lill-attrici l-kera tad-dar matrimonjali, b’dan li tali kera ghandha iddur esklussivament fuq l-attrici.

Illi din l-assenjazzjoni saret ukoll invista tal-fatt li tul il-permanenza taghhom f’Malta, l-konvenut fil-maggiorparti ta’ tali perjodu naqas milli jmantni lill-attrici u lil binha, sakemm spicca biex abbandunahom u mar lura lejn pajjizu. Sfortunatament dan mhux l-ewwel kaz ta’ persuni stranjieri gejjin minn kultura differenti li wara ftit taz-zmien jabbandunaw lil marthom u lil uliedhom anke wara li jkunu haqruhom u jhalluhom lampa stampa.

Illi dwar il-kura u l-kustodja ta’ l-istess minuri din ghandha tigi fdata esklussivament f’idejn l-attrici u f’dan l-istadju qed jigi michud id-dritt ta’ access lill-konvenut anke peress li ma jidhirx li l-konvenut ta xi kaz partikolari jew interessa ruhu fl-istess minuri.

Illi dwar id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**, stante l-abbandun tal-konvenut tad-dar konjugali

minghajr raguni valida, din l-Qorti tapplika *in toto* id-disposizzjonijiet tal-istess artikolu kontra l-konvenut u ghall-fini ta' l-istess artikolu tistabbilixxi d-data tal-firda li ghaliha kien responsabbli l-konvenut minn Dicembru 2000, *stante* li jidher li f'dak l-istess perjodu diga` kellu ntenzjoni li jabbanduna l-istess dar konjugali, tant li kien diga` ma' terza persuna li huwa ddeskriva bhala martu, u huwa ghalhekk ukoll li d-dejn fuq indikat qed jigi assenjat esklussivament lill-konvenut, u dan apparti ragunijiet ulterjuri kif fuq spjegat.

Illi din l-Qorti wkoll tilqa' l-hames talba fejn tawtorizza lill-attrici, flimkien ma' binha l-minuri, ad eskluzjoni tal-konvenut, li tibqa` tghidx fid-dar matrimonjali u dan anke in vista ta' dak fuq deciz dwar il-kera ta' l-istess fond.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Haddar u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut Anouar Haddar minhabba abbandun da parti tal-konvenut u nkompatabilita` ta' karattru;

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' binha minuri Karl, ta' tlett snin f'idejn l-attrici bla ebda access lill-konvenut;

3. Illi filwaqt li l-Qorti tirriafferma li l-attrici ghandha tali dritt ta' manteniment, pero` ma tistax tasal ghall-kundanna hlas u/jew fissazzjoni ta' alimenti peress li ma jirrizultax li ngabu provi dwar l-introjtu tal-konvenut u lanqas li huwa mpjegat bi qliegh, u ghalhekk ma tistax tilqa' din it-talba biex tiffissa retta alimentari xierqa ghaliha u ghal binha minuri;

4. Tittermina l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Haddar b'effett minn Dicembru 2000, u tillikwida l-istess kommunjoni ta' l-akkwisti b'dan illi tassenja lill-

konvenut l-oggetti mmobbli li baqghu fit-Tunezija u jinsabu fil-pussess tieghu, u dan dan apparti d-dejn kollu li jirrizulta mill-atti relattiv ghall-kontijiet tad-dawl u l-ilma ghan-negozju li kien igestixxi l-konvenut f'Mirage Guest House fl-Imsida, li in verita` l-attrici ma kellha x'taqsam maghha xejn, u wkoll kull dejn li rrizulta li jezisti mas-socjeta` Paul & Rocco Gzira Ltd in konnessjoni mal-karozza Peugot 206 Reg No BBL-912, u mill-bqija tassejna lill-istess attrici bhala sehma mill-istess komunjoni l-mobbli minnha ndikati fl-affidavit taghha, li nxtraw minnha meta l-kontendenti bdew jghixu Malta, liema mobbli jirrizulta li nxtraw principalment mill-fondi li kienet tipprovdi l-attrici inkluz mill-pagamenti lilha ta' l-Ghajnuna Socjali, liema oggetti jikkonsistu f'sett tat-televizjoni, video recorder, washing machine u l-mobbli kollha li jinsabu fid-dar konjugali '50A, Triq l-Imtarfa, Imtarfa,' li huma proprjeta` ta' l-attrici (eskluzi dawk mikrija mal-fond fejn qed tabita). Fl-ahharnett tassenja lill-attrici l-kera tad-dar matrimonjali, b'dan li tali kera ghandha ddur esklussivament fuq l-attrici; u tapplika kontra l-konvenut *in toto* id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48** tal-Kodici Civili, anke minhabba l-abbandun ta' l-istess konvenut tad-dar konjugali;

5. Tawtorizza lill-attrici, flimkien ma' binha l-minuri, ad eskluzjoni tal-konvenut, li tibqa` tghix fid-dar matrimonjali, u fl-ahharnett tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubita "Schembri", kif rikjest minnha fil-verbal tas-seduta tat-12 ta' Marzu 2002.

Bl-ispejjes kollha kontra l-istess konvenut assenti, filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------